

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) tat-2 ta' Marzu 2017 – Panrico, SA vs L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

(Kawża C-655/15 P) ⁽¹⁾

(Appell — Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Regolament (KE) Nru 40/94 [li sar Regolament (KE) Nru 207/2009] — Artikolu 52 — Artikolu 8(1)(b)u (5) — Trade mark figurattiva li fiha l-elementi verbali “krispy kreme doughnuts” — Trade marks verbali u figurattivi, nazzjonali u internazzjonali li fihom l-elementi “donut”, “donuts” u “doughnuts” — Applikazzjoni għal dikjarazzjoni ta' invalidità — Ċaħda)

(2017/C 121/08)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Partijiet

Appellanti: Panrico, SA (rappreżentant: D. Pellisé Urquiza, avukat)

Partijiet oħra fil-proċedura: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: S. Palmero Cabezas, aġent), HDN Development Corp. (rappreżentanti: M. H. Granado Carpenter u L. Polo Carreño, avukati)

Dispożittiv

- 1) L-appell huwa miċħud.
- 2) Panrico SA hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 118, 04.04.2016.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tat-2 ta' Marzu 2017 (talba għal deċiżjoni preliminari tas-Sąd Apelacyjny w Warszawie – il-Polonja) – J.D. vs Prezes Urzędu Regulacji Energetyki

(Kawża C-4/16) ⁽¹⁾

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Ambjent — Direttiva 2009/28/KE — Il-punt a tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 2 — Enerġija minn sorsi li jiġġeddu — Idroenerġija — Kunċett — Enerġija prodotta f'impjant idroelektriku żgħir li jinsab fil-punt ta' ħruġ ta' ilma maħmuġ ta' impriża oħra

(2017/C 121/09)

Lingwa tal-kawża: il-Pollakk

Qorti tar-rinviju

Sąd Apelacyjny w Warszawie

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: J.D.

Konvenut: Prezes Urzędu Regulacji Energetyki

Dispożittiv

Il-kunċett ta' “idroenerġija minn sorsi rinnovabbli [li jiġġeddu]”, fis-sens tal-punt a tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2009/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-23 ta' April 2009, dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli [li jiġġeddu] u li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttivi 2001/77/KE u 2003/30/KE, għandu jiġi interpretat fis-sens li jinkludi l-enerġija prodotta minn impjant idroelektriku żgħir, li la huwa impjant ta' ħażna bl-ippumpjar u lanqas impjant ta' ppumpjar b'turbina, li jinsab fil-punt ta' ħruġ ta' ilma maħmuġ ta' impriża oħra, li tkun għabritu għall-finijiet tal-attività tagħha.

⁽¹⁾ ĠU 111, 29.3.2016